# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 ta' Settembru 2002

## Avviz numru : 54/2001GT(GM)

**Anthony u Georgette konjugi Muscat**

**vs**

**John u Grace konjugi Mizzi u b'digriet tal-20 ta' Novembru 2001 gie kjamat in kawza John Camilleri**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Peress illi l-konvenuti baqghalhom ihallsu lill-atturi bilanc ta' sitta u sittin lira u hamsa u tletin centezmi (Lm66.35c0) ta' xoghol u materjal maghmul mill-attur, Anthony Muscat lill-konvenuti fi blokk bini f'St. Mary Street, Qbajjar, limiti taz-Zebbug, Ghawdex.**

**Peress illi l-konvenuti ghalkemm interpellati naqsu li jhallsu dan l-ammont.**

**Ighidu ghaliex m'ghandhomx jigu**

**(1) ikkundannati li jhallsu lill-atturi l-bilanc ta' sitta u sittin lira u hamsa u tletin centezmi (Lm66.35c0) kif spjegat hawn fuq.**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.**

**Bl-imghaxijiet skond il-ligi."**

**Ra r-risposta tal-konvenut:**

**"Nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Mizzi:**

**Jeccepixxu bil-qima:-**

**1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi il-konvenuti qatt ma inkarigaw lill-atturi jew lil Anthony Muscat sabiex jaghmlilhom xogholijiet jew fornilhom**

**materjal lilek, kif imsemmi fl-avviz taghkom. Fil-fatt huma lanqas biss ghandhom konoxxenza ta' l-istess atturi.**

2. **Illi tant hu hekk li l-esponenti inkarigaw persuna ohra sabiex jaghmlu x-xogholijiet imsemmija fl-avviz ma' liema persuna sar ftehim dwar dan ix-xoghol.**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."**

**Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza:**

**Illi x-xoghlijiet illi wettaq l-attur u li taghhom qed jintalab il-hlas saru fuq inkarigu specifiku tal-konvenut John Mizzi u ta' hadd aktar, u ghalhekk kwalunkwe ammont illi jista' talvolta dovut lill-attur hija dovuta unikament u esklussivament minn Mizzi u minn hadd aktar. Illi l-unika haga illi setghet qatt tkun dovuta mill-esponenti kienet kontribuzzjoni ghall-hlas ta' formazzjoni ta' kolonna ta' taht it-travu fil-proprjeta' ta' Mizzi u dan l-ammont thallas a saldu mill-esponenti minghajr ebda rizerva fil-mument illi fih sar il-hlas mill-esponenti. Kien biss ferm wara, u cjoe' fis-6 ta' Lulju 2001, illi l-Perit Dimech fuq insistenza tal-konvenuti Mizzi hareg certifikat fis-sens illi jmur diametralment kuntrarju ghac-certifikati precedenti tieghu fi sforz sabiex jissodisfa l-esigenzi ta' Mizzi. Dan ic-certifikat ma jirrispekkjax il-ftehim precedentement raggunt bejn il-partijiet, u ma jista' qatt jixhet xi oneru gdid fuq l-esponenti. L-esponenti ma ghandux jigi kkundannat ihallas spejjez. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."**

**Ra l-atti tal-kawza**

**Sema' t-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri**

**Ikkunsidra**

**Illi jirrizulta li l-kreditu pretiz mill-atturi huwa tabilhaqq dovut lilhom; li jrid jigi deciz hu jekk hux dovut mill-konvenuti jew mill-kjamat fil-kawza.**

**Illi jirrizulta li fil-hajt divizorju li jifred il-fondi rispettivi tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawza sviluppaw konsenturi, u ssaddu zewgt itravi. Il-konvenuti jsostnu li dawn il-hsarat sviluppaw meta l-kjamat fil-kawza qala' l-parti tieghu tal-hajt, li kien dobblu, u ghalhekk kixef it-travi u dghajjef il-pedament li fuqu kien jistrieh il-bini tal-konvenuti – haga li giet michuda mill-kjamat fil-kawza. Pero' li hu rilevanti ghall-kaz mhix ta' min huwa t-tort, imma l-fatt li l-partijiet ftiehmu li biex jigu evitati litigji, kellhom isiru dawk ix-xoghlijiet rimedjali biex jigu evitati danni ikbar li jigu ordnati mill-perit Joseph Dimech. Fil-fatt dan ordna li jsir pilastru tal-konkrit li**

**sar u thallas nofs bin-nofs bejn il-konvenuti u l-kjamat fil-kawza. Fil-kors tax-xoghol il-perit induna li biex jigi rimedjat id-dannu ma kienx bizzejjed li t-travi jinzebghu u jinghataw l-anti-rust coating, imma riedu jinbidlu, u hekk sar. Ma hemmx dubbju li t-tibdil ta' dawn it-travi kien parti mix-xoghlijiet rimedjali li l-partijiet ftiehmu li jaghmlu, u ghalhekk kellhom jithallsu nofs bin-nofs bejniethom. Fil-fatt, il-konvenuti hallsu sehemhom lill-atturi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-kjamat fil-kawza jhallas lill-atturi l-ammont ta' sitta u sittin lira u hamsa u tletin centezmi (LM66.35c) kif pretiz fl-avviz tat-talba, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**